MALTA

# COURT OF MAGISTRATES (GOZO)

# SUPERIOR JURISDICTION

## MAGISTRATE DR.
## PAUL COPPINI

Sitting of the 6 th November, 2003

Citation Number. 241/1995/1

Remigio Sacco .

vs

Carmel Cini .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :

Li fit-30 ta' Gunju, 1995 ghal habta tal-9.45 p.m. filwaqt li l-attur kien qieghed fil-vettura Lada bin-numru tar-registrazzjoni A-3787 fuq il-vapur MV. Xlendi, u fid-daqqa u l-hin safa' nvestit mill-konvenut li kien qieghed isuq truck ERF fin-numru tar-registrazzjoni U-8370 u garrab hsarat fil-karrozza tieghu kif jigi dettaljatament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza .

Li l-incident fuq imsemmi, u ghal hekk il-kunsegwenzjali danni kienu kkagunati minhabba n-negligenza, l-imperizja, traskuragni u nuqqas ta' harsien ta' regolamenti da parti tal-konvenut .

Li ghalkemm gie debitament interpellat sabiex ihallas id-danni lill-attur, il-konvenut baqa' inadempjenti .

Talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghall-konsegwenzjali danni sofferti mill-attur .

2. Tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mill-attur okkorrendo b'opera ta' periti nominandi .

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' flus hekk likwidata in linea ta' danni .
Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-18 ta' Ottubru, 1995 kollha kontra l-konvenut li jibqa' minn issa mharrek ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur kkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :

1. Huwa bl-ebda mod u manjiera ma huwa responsabbli ghall-incident awtomobilistiku imsemmi fic-citazzjoni, liema incident gara unikament minhabba traskruagni grassa, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ta' l-istess attur, kif jigi ppruvat dettaljatament waqt is-smiegh ta' l-istess kawza .

2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut kkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qed jirreklama d-danni subiti fil-karozza tieghu per konsegwenza ta' incident li sehh fuq il-vapur t'Ghawdex "M.V. Xlendi" waqt li l-vetturi kienu qeghdin jisbarkaw fil-port ta'l-Imgarr . L-attur kien qed isuq karozza tat-tip Lada u l-kovenut kellu truck mghobbi bil-madum . It-tnejn kienu qeghdin fil-kareggjata tan-nofs tal-vapur, hu fix-xellug u l-konvenut ghal-lemin[1] . Iz-zewg vetturi kienu qed isuqu 'l barra . L-attur kien qieghed aktar avanzat mill-konvenut, imma f'hin minnhom rah gej ghal fuqu u cedielu . Imma l-konvenut xorta baqa' gej ghal fuqu u laqtu fil-gemb tal-karozza fuq in-naha tal-lemin fuq il-bibien u l-*mudguard* ta' quddiem .

Il-konvenut baqa' qatt ma ta d-depozizzjoni tieghu, imma fid-dikjarazzjoni tal-fatti annessa ma' n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu huwa stqarr illi : *".... kien wieqaf ipparkjat fuq il-main lane tal-vapur, waqt li l-attur kien fuq it-tunnel tax-xellug . L-istess attur minghajr ma zamm a proper look out bit-traskuragini hareg mit-tunnel ta' l-istess vapur bl-lura u irriversja ghal fuq il-vettura tal-konvenut u b'hekk grat il-kollizjoni in kwistjoni*." [2]
Mill-okkorrenza relattiva ghal dan l-incident ma jirrizultax jekk ittiehdux xi stqarrijiet mill-partijiet *a tempo vergine* . Mill-iskizz dwar l-istess incident jidher pero' illi l-kaorzza ta' l-attur kienet fuq in-naha tax-xellug tal-karreggjata tan-nofs tal-vapur f'posizzjoni aktar avanzata mit-truck tal-konvenut . Id-distanza tal-karozza ta' l-attur mil-hajt tax-xellug, kienet ta' 0.7 metri minn naha ta' quddiem u 0.6 metri minn wara . Mentri t-truck kien 0.8 metri 'l barra mill-hajt tal-lemin minn naha ta' quddiem u 0.25 metri biss minn naha ta' wara . Jidher ghalhekk illi kien it-truck li qala' 'l barra biex johrog, ferm aktar mill-karozza, u li kien hu li baqa' diehel fil-karozza u mhux li din irriversjat ghal fuqu . Anke l-istess natura tad-daqqiet li garrbet il-

[1] ara skizz esebit Dok. RS. 6 a fol. 37 tal-process
[2] ara dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 10

karozza jindikaw illi din hadet id-daqqa fuq il-gemb tal-lemin minn vettura li baqghet gejja ghal fuqha .

Huwa evidenti ghalhekk illi ghal din il-habta jahti unikament il-konvenut, li huwa hu jaqla' 'l barra biex ikun jista' johog mill-bieba tal-vapur, ma kkalkulax sewwa l-wisgha tal-karozza li kienet fuq ix-xellug tieghu .

Skond is-survey report redatt mis-surveyor John Callus, jirrizulta illi d-danni kkagunati fil-karozza ta' l-attur kienu s-segwenti :

"*Parts to be replaced :*
*R.H. front door*
*Side tape .*

*Parts to be repaired :*
*Front R.H. m/guard and rear R.H. door badly dented*."

L-ispiza tax-xoghol giet stmata sittin lira (Lm60) u dik ta' li spray ghal tmenin lira (Lm80). [3]

Mill-ircevuti esebiti mill-attur jirrizulta illi dan hallas :

| | |
|---|---|
| 1. ghal bieba gdida ta' quddiem: | Lm 71.52 |
| 2. panel beating u spray: | 161.00 |
| 3. ghas-surveyor's report: | 11.50 |
| 4. side stickers: | 5.00 |
| total ta': Lm249.02 | |

Jidher illi dawn l-ispejjez huma kompatibbli mal-hsarat imgarrba mill-attur u ghalhekk huma ripettibbli .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u :

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident imsemmi fic-citzzjoni u ghall-konsegwenzjali danni sofferti mill-attur;

[3] ara survey report Dok. RS. 1 a fol. 30

2. tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mill-attur fis-somma ta'

mitejn disa' u erbghin lira maltija (Lm249); u

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata .

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tat-18 ta' Ottubru 1995 kontra l-istess konvenut .
S24195Pc

**< Final Judgement >**

---------------------------------END---------------------------------